# Kwadri ta' Marija Assunta fil-Knejjes Maltin



*Mario Fenech*

Tista' tgħid li f'ħafna mill-Knejjes li għandna fil-Gżejjer Maltin għandek issib xi Kwadru partikolari li fih ikun hemm ix-xbieha ta' Marija Assunta. Dawn il-Kwadri ma nsibuhomx biss fi Knejjes kbar, iżda wkoll fi Knejjes żgħar li minnhom għandna ħafna fil-Bliet u Rħula tagħna.

F'dan l-artiklu għażilt tlieta minn dawn il-Kwadri.



Fis-Sagristija tal-Bażilika Santwarju Karmelitan tal-Belt Valletta hemm Kwadru tal-Assunzjoni tal-Madonna li qabel kien f'waħda mill-arzellel tal-Knisja l-qadima.

Dan huwa xogħol tal-Artist Alessio Buhagiar li għex bejn is-sena 1696 u s-sena 1769. Kien twieled fil-Belt Valletta u meta kiber laħaq Qassis. Ma tantx għamel kwadri għal knejjes, iżda kien jagħmel ħafna xogħol ta' restawr kif ukoll dekorazzjonijiet ta' soqfa ta' Palazzi. Fosthom il-Palazz tal-Gran Mastru fil-Belt. F'din ix-xena ta' dan il-kwadru naraw il-figura tal-Assunta mdawwra b'numru t'Anġli filwaqt li fil-parti t'isfel tat-tila hemm mifruxa d-Dixxipli ta' Ġesù qegħdin iħarsu 'l fuq lejn dan il-Miraklu tassew waħdieni.



Kwadru tal-Assunta li jinsab fi Knisja żgħira huwa dak li pinġa l-Artist Michele Busuttil li għex bejn is-sena 1762 u s-sena 1831. Jinsab fil-Knisja ta' Santa Marija magħrufa bħala "Ta' Duna" li tinsab fi Triq Sant' Andrija f'Ħal Lija.

F'dan il-kwadru l-figura tal-Assunta hija waħda grazzjuza ħafna. Fuq wiċċ il-Madonna ħarsa mill-isbaħ ta' qdusija u serenità. Fil-parti t'isfel tal-kwadru jidher San Pietru u San Ġwann warajh. Hawnhekk l-artist ma tantx kellu fejn jimraħ fix-xena li kien qiegħed ipinġi minħabba l-fatt li din hija tila ta' daqs żgħir.

Ta' min jgħid li dan l-istess Artist pinġa wkoll il-Kwadru Titulari ta' Marija Assunta li llum huwa nkurunat tal-Katidral tal-Belt Victoria f'Għawdex.



It-tielet kwadru li għażilt għal dan l-artiklu huwa t'artist mhux magħruf u jinsab fil-Knisja tal-Viżitazzjoni tal-Madonna magħrufa bħala ta' "Wejda" fil-limiti tal-Parroċċa tal-Mosta.

Dan il-kwadru qiegħed fuq il-ġenb tal-kwadru titulari ta' din il-knisja u fih hemm ix-xena tradizzjonali li narar fi kwadri b'dan is-suġġett.

Il-figura tal-Assunta hija waħda kemmxejn statika nieqsa mill-moviment filwaqt li għalkemm ma tantx kellu spazju fejn jaħdem fil-parti t'isfel tat-tila l-artist inkluda lit-tnax-il dixxiplu ta' Ġesù. Dawn jidru mdawrin mal-qabar miftuħ b'liżar abjad miftuħ fuq il-ġenb tiegħu.

Dawn huma biss tlieta mill-ħafna kwadri ta' Marija Assunta li niltaqgħu magħhom fi knejjes żgħar. Jekk Alla jrid fil-ħarġa li jmiss ta' dan il-programm nikteb dwar kwadri oħrajn.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

